Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' April 2007

dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta ma' l-attivitajiet tat-trasport bit-triq

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1470)

(2007/230/KE)

(ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 486)

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 101, 11.4.2008, p. 11 (2007/230/KE)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' April 2007

dwar formola li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni soċjali marbuta ma' l-attivitajiet tat-trasport bit-triq

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1470)

(2007/230/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/22/KE tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' l-attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 (3) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 2006/22/KE, il-Kummissjoni għandha tfassal formola elettronika u li tista' tiġi stampata biex tintuża meta sewwieq kien b'liv tal-mard jew b'liv annwali, jew meta s-sewwieq ikun saq karozza oħra eżentata mill-ambitu tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 561/2006 tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq ([2]).

(2) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 18(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-formola msemmija fl-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2006/22/KEE għandha tkun kif stipulata fl-Anness ta' din-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35.
([2]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 370, 31.12.1985, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

▼B

ANNESS

IĊ-ĊERTIFIKAZZJONI TA' L-ATTIVITAJIET TAĦT IR_REGOLAMENT (KE) Nru 561/2006 JEW IL-FTEHIM EWROPEW DWAR IX-XOGĦOL TA' ĦADDIEMA TAL-VETTURI LI JOPERAW FIT-TRASPORT INTERNAZZJONI BIT-TRIQ (AETR) (*)

Qabel il vjaġġ, din għandha timtela' bit-tajpjar u għandha tkun iffirmata
Għandha tinżamm mar-reġistri takografiċi oriġinali kulfejn hemm ir-rekwiżit li jinżammu
Ċertifikazzjonijiet foloz jikkostitwixxu ksur

1. It-titolu ta' l-intrapriża

2. L-Indirizz tat-triq, il-Kodiċi postali, il-Belt, il-Pajjiż

3. In-numru tat-telefown (bil-prefiss internazzjonali inkluż)

4. In-numru tal-feks (bil-prefiss internazzjonali inkluż)

5. L-indirizz tal-posta elettronika

Jiena, is-sottoskritt

6. Isem

7. Il-kariga fl-intrapriża

niddikjara li s-sewwieq

8. Isem

9. Data tat-twelid

10. In-numru tal-Liċenzja tas-sewqan, jew in-numru tal-Karta' ta' l-Identità jew in-numru tal-Passaport

għall-perjodu:

11. minn (ħin-jum-xahar-sena)

12. sa (ħin-jum-xahar-sena)

13. ☐ kien bil-liv tal-mard (**)

14. ☐ ►(1) leave annwali ◄ (**)

15. ☐ saq vettura eżentata mill-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew ta' l-AETR (**)

16. Għall-intrapriża, il-post _____ id-data _____

il-firma _____

17. Jiena, is-sewwieq, nikkonferma li ma kontx qed insuq vettura li taqa' taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 jew ta' l-AETR matul il-perjodu msemmi hawn fuq.

18. Il-post _____ id-data _____

il-firma tas-sewwieq _____

_____

(*) Din il-formola hija disponibbli fuq l-Internet fuq ec.europa.eu f'verżjoni elettronika u li tista' tiġi stampata.

(**) Tista' tintgħażel biss waħda mill-kaxxi 13, 14 jew 15.

►(1) C1